A.L. 11 ta' l-1990

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 10)
ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET TAL-PORT (KAP. 100)
ORDINANZA DWAR IL-PORTIJIET (KAP. 170)

Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar iċ-Ċentru ta' "Yachting"

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 233 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, bl-artikolu 7 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet tal-Port u bl-artikoli 12, 26, 29 u 42 ta' l-Ordinanza dwar il-Portijiet, il-Ministru għall-Iżvilupp Terzjarju, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar iċ-Ċentru ta' *Yachting* u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1967 dwar iċ-Ċentru ta' *Yachting*, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 30 ta' l-1967.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fid-9 ta' Settembru, 1989.

Iżid ir-regolament 19A ġdid mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid li ġej:—

"Drittijiet għal servizz ta' ilma u elettriku.

19A. Għandu jitħallas lid-Direttur dwar kull *yacht* li jirmiġġa jew jankra f'ċentru ta' *yachting*, u li jkun ipprovdut b'servizzi ta' ilma u elettriku mhux imkejjlin, dritt kif speċifikat fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.".

Iżid ma' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara l-partita 2 ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tidħol din il-partita ġdida li ġejja:—

"(Regolament 19A)

3. Drittijiet li jitħallsu dwar kull *yacht* f'ċentru ta' *yachting* provdut b'servizzi ta' ilma u elettriku mhux imkejjlin, għal kull metru tul jew parti minnu tat-tul sħiħ, għal kull ġimgħa jew parti minnha:

(a)	*Yachts* mhux abitati	7 ċenteżmi
(b)	*Yachts* abitati	25 ċenteżmu.".